MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1815/2000/1

**Philip Vassallo u Antonina Vassallo mart l-istess Philip Vassallo ghal kull interess li jista' jkollha.**

**-vs-**

**Carmelo Vassallo.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-art ossia raba' maghruf bhala "Ta' Picciottu" ossia "Tal-Parsott" Busketto Road sive Triq tal-Parsott limiti ta' Haz-Zebbug.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, din ir-raba' kienet precedentament proprjeta' ta' missieru l-attur li kien ghadda r-raba' lill-attur fl-1970 versu l-qbiela ta' tlett liri maltin (Lm3) fis-sena.

Illi l-attur mhux biss dejjem gawda l-pussess tar-raba' de quo izda wkoll id-dritt li jaccedi ghall-ilma li jinstab go bir gewwa raba' fil-vicinanzi, proprjeta' wkoll ta' missieru liema raba' llum giet trasferita lill-konvenut causa mortis u dan sabiex l-istess atturi jkunu jistghu l-ucuh tar-raba' gol-proprjeta' taghhom, stante illi l-proprjeta' in kwistjoni proprjeta' ta' l-atturi m'ghandhiex access iehor ghall-ilma.

Illi ghaldaqstant l-attur ghal dawn l-ahhar tletin sena cirka, dejjem kellu access liberu ghall-ilma mill-imsemmi bir.

Illi fl-20 ta' Lulju 2000, l-attur Philip Vassallo avza lill-konvenut li l-ghada kien ser jiehu l-ilma minn gol-bir bhalma ghamel matul dawn l-ahhar tletin sena cirka.

Illi fil-21 ta' Lulju 2000 meta l-atturi accedew fuq il-post u marru biex jigbru l-ilma kif ordinarjament kienu jaghmlu, huma skoprew illi l-konvenut kien abbusivament u minghajr ebda awtorita' skond il-Ligi, jew kunsens da parti tal-atturi, battal l-ilma li kienet tinstab gol-bir in kwistjoni sabiex l-attur ma jkunx jista' juza l-ilma tal-bir.

Illi l-atturi rraportaw dan l-incident mal-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zebbug u ser jittiehdu l-passi opportuni kontra l-istess konvenut.

Illi ghalkemm debitament interpellat sabiex jerga' jimla l-bir bl-

ilma l-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Jigi dikjarat li huwa kkometta spoll ghad-dannu tal-atturi.

2. Jigi ordnat jirrientegra fil-pussess l-atturi billi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-istess Onorabbli Qorti jimla' l-bir in kwistjoni li jinstab gol-ghalqa tal-konvenut maghrufa wkoll bhala “Ta' Picciottu” fi Triq tal-Parsott limiti ta' Haz-Zebbug, u jippermetti lill-attur jiehu l-ilma mill-istess bir biex isaqqi r-raba' tieghu.

3. Ghaliex, fin-nuqqas, m'ghandux jigi kkundannat ghal disprezz tal-Qorti u dan taht dawk il-kundizzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Salv id-drittijiet kollha ghad-danni, mid-data li gie kommess l-ispoll, likwidabbli dawn id-danni f'gudizzju separat, b'riserva ghall-azzjonijiet kollha ohra tal-atturi jekk fir-raba' de quo l-atturi soffrew danni minhabba l-agir illegali al-konvenut.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-16 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti ma kkommetta l-ebda spoll di fronte ghall-atturi.

2. Illi bla pregudizju ghas-suespost lanqas jezistu l-kostituttivi tal-azzjoni ta' spoll.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet it-trattazjoni tal-Avukati u rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta’ spoll. L-atturi qed isostnu zewg affarijiet u jitlolbu ir-rimedju taghhom u cioe’ li l-konvenut spoljahom fil-pussess ta’ bir li jinsab fuq proprjeta’ tal-konvenut billi fil-21 ta’ Lulju 2000 l-istess konvenut battal dan il-bir u qed jitolbu li jippermettilhom jibqghu jaghmlu uzu minnu. Qed jitolbu imbaghad li f’kaz dan ma jsirx il-konvenut jigi kundannat ghal disprezz tal-Qorti.

Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess,**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur, u**

**3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenut f’din il-kawza qed jichad li kkommetta spoll u illi ma jezistux il-kostituttivi ta’ azzjoni ta’ spoll.

Fis-sentenza Delia vs Schembri (Prim Awla 4 ta’ Frar 1958) gie ritenut illi;

*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun .. li jigi vjolentement jew okkulatment mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata .. jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April 1958;

*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f' idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*

Din il-kawza tipprezenta certi kweziti illi jmorru oltre s-semplici indagini jekk kienx hemm spoll jew le. L-ewwelnett il-Qorti konvinta li l-attur baqa jaghmel uzu mill-bir in kwistjoni anke wara l-mewt ta' missier il-kontendenti. Originarjament u cioe' meta l-missier kien ghadu jahdem ir-raba' kollu ma kienx hemm kwistjoni; izda meta nqasam ir-raba' l-attur ma kellux bir fuq il-parti li messet lilu u ma beniex wiehed. Il-bir li kien iservi ghar-raba' kollu qieghed fuq il-parti mahduma mill-konvenut. Ghalkemm hu minnu, kif osserva l-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, li l-attur kien baqa' jaghmel dan *bil-mohbi* kif qal hu, il-konvenut kien jaf b'dan tant li ghamel diversi rapporti lill-Pulizija (ara kontro-ezami tal-konvenut fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2004). Ghalhekk il-pussess kien jezisti u kien maghruf ghall-konvenut.

Il-Qorti konvinta li fil-jum in kwistjoni l-konvenut battal il-bir u probabilment battlu biex l-attur ma jkollux ilma x'itella'. Fil-fatt fil-kontro-ezami tieghu hu jaghmilha cara li kien hu li battal il-bir u qal li uzah kollhu fuq ir-raba' tieghu. Fil-fehma tal-Qorti hu rrilevanti jekk l-ilma dakinhar intuzax ghal dik il-parti tal-ghalqa biss jew jekk il-konvenut uzahx ukoll ghal parti ohra li  ma tifformax parti minn din il-parti tar-raba'. Ghandu ragun jghid li l-ilma ghandu dritt juzah ghal xhiex irid. Li ma ghandhux ragun (fl-ambitu tal-kwistjoni possessorja) hu li ma jhallix lill-attur juza l-bir, semplicement ghaliex jirrizulta ampjament illi l-attur ghandu, flimkien mal-istess konvenut, il-ko-pussess tal-bir billi kien ghadu juzah sal-gurnata in kwistjoni.

Li mhux car huwa x'kien jigri meta jitbattal il-bir. Jidher li antikament ma tantx kien jintuza ilma u kwindi kien jimtela' bix-xita u rarament kien jitbattal. L-attur isostni li kull min jinzerta jbattlu kien jerga' jimlih, izda jidher mill-varji deposizzjonijiet li l-attur stess ghall-inqas darba gab xi hadd bil-boweser biex jimla l-bir izda l-konvenut keccieh ghax sostna li l-proprjeta' hija tieghu – haga li mhix in kontestazzjoni, izda ma tincidix fuq il-mertu ta' din il-kawza. F'kull kaz l-attur ma talabx ordni biex jimtela' l-bir da parti tal-konvenut u l-Qorti thoss li kif se tiddeciedi l-kawza, huwa stess ma jkunx prekluz milli jimlih jekk ikun il-kaz.

Id-difensur tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghamel riferenza ghall-hekk imsejjha *animus spoliandi.* Din il-Qorti kellha l-okkazzjoni diversi drabi tikkumenta li ir-riferenzi ghall-atturi Taljani f'dan ir-rigward m'humiex ta' ghajnuna ghaliex il-Ligi taghna ma tirrikjedix, ghall-kuntrarju ta' dik Taljana l-volonta' li wiehed jikkometti spoll. Hu minnu li ghal perjodu qasir dawn l-awturi gew segwiti f'xi kawzi mill-Qrati taghna (ez Camilleri vs Galea - Prim Awla 25 ta' Settembru 1989) izda jidher car li dawn is-sentenzi ma baqghux jigu segwiti u din il-Qorti taqbel ma' dan. Kif intqal fil-kawza fl-

ismijiet Busuttil vs Scerri (14 ta' Marzu 1997 – Prim Awla);

*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghlhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili – Cardona vs Tabone – deciza fid-9 ta' Marzu 1992).*

L-attur qed jitlob ukoll li din il-Qorti tikkundanna l-konvenut ghal disprezz jekk hu ma jhallihx juza l-bir, izda l-Qorti ma tistax taghmel dan minn issa u dan ikun soggett ghal proceduri ohra. Oltre dan kawza ta' spoll ghandha tkun immirata biss biex l-attur jigi ntegrat fil-pussess mill-gdid. Il-Qorti pero' se taghti ordni u l-konvenut ghandu jifhem tajjeb x'jigri jekk ordni tal-Qorti ma tigix obduta.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-attur billi;**

**1. tiddikjara li l-konvenut ikkometta spoll fil-konfront tal-atturi;**

**2. tordna lill-konvenut jirrintegrah fil-pussess billi jippermetti lill-attur jiehu l-ilma mill-bir in kwistjoni li jinsab gol-ghalqa tal-konvenut maghrufa bhala Ta' Picciottu fi Triq il-Parsott limiti ta' Haz-Zebbug, izda fil-waqt li tichad it-talba biex il-konvenut jimla' l-bir, tiddikjara li l-attur ikollu dritt jimla l-bir hu a spejjes tieghu jekk dan ikun battal;**

**3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet imsemmija;**

**L-ispejjes jithallsu terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------